# Lectio Divina

Is-Sitt Ħadd tal-Għid (A)

Ġw 14, 15-21

**F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: «Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi.**

Ġesù jkompli jirrivela lilu nnifsu lid-dixxipli fiċ-Ċenaklu, il-post fejn iħobbhom għall-aħħar (cf. *Ġw* 13,1). Hu jafferma bħal Alla d-dritti tiegħu li jkun maħbub u obdut. Il-kejl tal-imħabba għal Kristu tinsab f'kemm wieħed jagħmel kulma qalilna hu (cf. *Ġw* 2,5): «Għax din hi l-imħabba ta' Alla, li nżommu l-kmandamenti tiegħu; u l-kmandamenti tiegħu m'humiex tqal.» (*1Ġw* 5,3; cf. Dt 6,4-9; 7,11; 11,1; *Għerf* 6,18). L-imħabba għall-Kristu hija l-kundizzjoni sabiex inkunu nistgħu nilqgħu d-don tal-Ispirtu mingħand il-Missier. Id-dixxiplu jħobb għax Alla ħabbu l-ewwel (cf. *1Ġw* 4,19) u jibqa' fil-grazzja jekk iħobb «lil Sidna Ġesù Kristu b'imħabba li ma tmut qatt» (*Efes* 6,24). Il-Missier jagħtina «il-qawwa tiegħu permezz tal-Ispirtu tiegħu» u jagħmel li Kristu jgħammar f'qalbna permezz tal-fidi «biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond tal-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja ta' Alla.» (*Efes* 3,16-19).

**U jiena nitlob lill-Missier...**

Kristu, l-Iben il-Waħdieni, jitlob («ἐρωτάω»,Vulg. *rogare*) bil-kunfidenza ta' iben lill-Missier, differenti mill-iskjav jitlob-jissupplika lil sidu («αἰτέω», Vulg. *petere*). L-Iben imantni din ir-relazzjoni ta' imħabba mal-Missier b'ħajja ta' talb mgħixha bin-nhar u bil-lejl (*Mt* 6,9; 11,25; 26,39; *Lq* 21,21ff; *Ġw* 11,41ff; 17,1...). Hija din ir-relazzjoni mal-Missier li ssuq il-ħidma kollha ta' Ġesù: "Il-ministeru pubbliku tiegħu kien, infatti, maqsum minn «irtiri» frekwenti, speċjalment bil-lejl jew filgħodu kmieni, biex jitlob: «f'postijiet imwarrba», «waħdu», «fuq l-għoljiet» (*Mt* 14,23; *Mk* 1,35; 6,46; *Lq* 5,16; 9,18.28), partikularment, «bħas-soltu, fuq l-għolja taż-Żebbuġ» (*Lq* 22,39)." (Enzo Bianchi). Aħna d-dixxipli, imsejħa sabiex ulied fl-Iben, ikollna din il-kunfidenza ta' ulied (cf. *Rum* 8,15).

**u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem, l-Ispirtu tal-Verità, li d-dinja ma tistax tirċevih, għax hija la tarah u lanqas tagħrfu. Iżda intom tagħrfuh, għaliex jgħammar magħkom u huwa fikom.**

L-Ispirtu huwa l-għotja tal-Missier frott it-talba magħmula mill-Iben: huwa frott l-imħabba ta' bejn il-Missier u l-Iben. Huwa d-«Difensur» («παράκλητος»), dak li ser jieqaf mad-dixxipli sabiex jieqaf magħhom biex hekk ma jkunu qatt waħidhom – huwa l-*Kon-solatur*, li qiegħed mad-dixxiplu fis-solitudni tiegħu hekk li fil-fatt hu qatt ma jisfa' waħdu. Filwaqt li Kristu kien ser jerġa' lura għand il-Missier, id-dixxipli qed jiġu mwiegħda l-Ispirtu li kien ser jgħammar fihom b'mod stabbli u dejjiemi: «Ma tafux li intom tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom?» (1Kor 3,16). Huwa l-«Ispirtu tal-Verità», l-Ispirtu ta' Kristu nnifsu (cf. *Ġw* 14,6) li jqawwi lid-dixxipli fit-taqbida kontra l-ispirtu tal-ħażen u jgħinu jikber fl-għarfien «skont il-verità li hi f'Ġesù» (*Efes* 4,21). Min hu tad-dinja, mgħarraq fil-passjonijiet ta' ġismu u li jagħmel l-opri tar-rieda tal-ġisem u fehmietu (cf. *Efes* 2,3), ma jistax jagħraf l-Ispirtu għax m'għandux fih il-kapaċità li jara skont l-Ispirtu u hekk *jgħarbel* il-ħwejjeġ ta' Alla: «Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ tal-Ispirtu ta' Alla; għalih huma kollha bluha, ma jistax jifhimhom, għaliex ħadd ma jista' jgħarbilhom jekk mhux bl-Ispirtu. Il-bniedem spiritwali jgħarbel kollox, u lilu ma jgħarblu ħadd» (*1Kor* 2,14-15). Id-dixxipli li jilqa' id-don tal-Ispirtu jirċievi l-għarfien interjuri («γινώσκω»: jagħraf fil-fond, fl-intimità) li hu tassew bin il-Missier (cf. *Rum* 8,16) u li Alla jgħammar fih (*1Ġw* 3,24).

**Ma nħallikomx iltiema.**

Lil dawk li ftit qabel sejħilhom «uliedu ċkejknin» («τεκνία», *Ġw* 13,33), Ġesù jkompli jqawwilhom qalbhom u jurihom li mhux ser iħallihom waħidhom. Ġesù juri l-qalb paterna u materna ta' Alla li jitqanqal fil-ġewwinija tiegħu għall-uliedu (cf. *Ġer* 31,20; *Ħos* 11,8; *Is* 49,14-15).

**Nerġa' niġi għandkom. Ftit ieħor, u d-dinja ma taranix aktar. Iżda intom għad tarawni, għax jiena ngħix, u intom ukoll għad tgħixu. F'dak il-jum intom tagħrfu li jiena f'Missieri, u intom fija u jiena fikom.**

Dawk li ma jemmnux fi Kristu ma jistgħux jarawh jew imorru fejn sejjer Hu – għand il-Missier (cf. *Ġw* 7,34; 8,21). Id-dixxipli kellhom jarawh meta wera lilu nnifsu lilhom biss wara l-

Qawmien. Imma wara li mar joqgħod fil-leminija tal-Missier, isseħħ il-miġja tal-Ispirtu li permezz tiegħU d-dixxipli jistgħu *jaraw* il-preżenza spiritwali ta' Kristu li tgħammar fihom. Hija preżenza aktar imbierka minn dik li setgħet kienet il-preżenza fiżika tiegħu. Aħna dixxipli ta' Kristu nistgħu narawH fil-kontemplazzjoni li tgħinna ngħixu fi Kristu *għal* Kristu (cf. *Ġw* 6,57). L-Ispirtu jgħinna nsiru bnedmin tal-*kontemplazzjoni*, li bi Kristu fina u aħna fi Kristu, inkunu *fil*-Missier bħalma Kristu huwa fiH (cf. *Ġw* 17,11.21-22): *"To be contemplative as Christ is contemplative is to be open to all the fullness that the Father wishes to pour into our hearts...To learn to look to God without regard to my own instant satisfaction, to learn to scrutinise and relativize the cravings and fantasies that arise in me – that is to allow God to be God, and thus to allow the prayer of Christ, God's own relation to God, to come alive in me. Invoking the Holy Spirit is a matter of asking the third person of the Trinity to enter my spirit and bring the clarity I need to see where I am in slavery to cravings and fantasies and to give me patience and stillness as God's light and love penetrate my inner life. Only as this begins to happen will I be delivered from treating the gifts of God as yet another set of things I may acquire to make me happy, or to dominate other people."* (Rowan Williams).

**Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni; u min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu...**

Misjuq mill-imħabba, id-dixxiplu jħobb lil Kristu u jduq l-imħabba tal-Missier u tal-Iben. Sabiex ma tkunx imħabba superfiċjali (cf. *Mt* 7,21-23), id-dixxiplu għandu jħares dak kollu li Kristu għallem lid-dixxipli tiegħu bħala l-milja tal-Liġi u tal-Profeti (cf. *Mt* 5,17). Il-kmandamenti tal-Mulej għandhom ikunu f'qalbu għax il-*ħarsien* tal-preċetti tal-Mulej huwa dejjem att ta' imħabba lejH (cf. *Dt* 11,13; *Ġer* 31,33; *Eżek*, 36,27): «Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa» (*1Ġw* 3,18). Huwa maħbub – bħala omm jew ħu Kristu – dak id-dixxiplu li jisma' il-kelma ta' Alla u jagħmel dak li jgħid Hu (cf. *Lq* 8,21). Iżda dak il-bniedem li jaf liema huma l-kmandamenti tal-Mulej imma ma jħarishomx tmissu x-xorti tal-«qaddej bla fejda» (*Mt* 25,30) jew ta' dak «il-qaddej li jkun jaf xi jrid sidu, u madankollu ma jħejjix jew ma jagħmilx li jrid sidu» u b'hekk «swat kbir jaqla'» (*Lq* 12,47). Ġesù jqiegħed l-ubbidjenza bħala l-kriterju tal-imħabba tad-dixxipli tiegħu għax mill-opri jiġi muri kemm tassew huma jemmnu li hu l-Kristu jew le.

**u nurih lili nnifsi.**

Ġesù juri lilu nnifsu lid-dixxiplu b'mod inviżibbli u spiritwali. Hija l-esperjenza tad-dixxipli sinċier u ħaj fil-fidi li jiftaħ il-bieb lil Dak li qed iħabbatlu (cf. *Apok* 3,20) u jisma' il-kelma tal-Imgħallem tiegħu hekk li l-Missier u l-Iben jgħammru fih (cf. *Ġw* 14,23). Quddiem din il-manifestazzjoni nterjuri tal-Iben, id-dixxiplu jikber aktar fl-ubbidjenza tiegħu għall-Missier hekk kif Kristu jsir dejjem aktar il-«Mulej» tal-ħajja tiegħu: "*When God finds a person determined to obey him, he takes the life of that person in his hands, like the helm of a boat or the reins of a horse. Not just in theory, but in reality, he becomes 'Lord', that is, he who 'rules' and 'governs'. One should say that minute by minute he defines the gestures and words of that person, his way of making use of his time, everything."* (Raniero Cantalmessa).